Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 72

It-Tlieta 11 ta' Ġunju 2019

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fl-4:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Stephen Caruana – Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier
Janice Chetcuti – Kunsilliera

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, Malta.
:21652525, 21650937 @ :marsaxlokk.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/www.marsaxlokklc.com

| | |
|---|---|
| 72.1 | Qari ta' ittri ta' apoloġiji |
| 72.1.1 | Ma kienx hemm. |
| 72.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti |
| 72.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti innumerata 71 kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ittieħdu bħala moqrija. |
| 72.2.2 | Is-Sur Steven Grech ppropona u s-Sur Stephen Caruana issekonda l-minuti tas-Seduta 71 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| 72.3 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 72.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar l-10 ta' Mejju 2019 flimkien ma' impjegat tal-Kunsill attenda attività tar-Reġjun Xlokk f'Bormla rigward it-tnehdija ta' ktieb fuq l-istess Reġjun. |
| 72.3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar l-14 u t-22 ta' Mejju 2019 kien assista lill-ħaddiema assenjati sabiex ikomplu jiġu installati/mibdula tabelli tat-toroq u friskar ta' diversi *road markings*. |
| 72.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar l-14 ta' Mejju 2019, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, attenda laqgħa mal-*Malta Arts Council*. Din il-materja kienet se tiġi diskussa f'aktar dettal f'minuta 72.8. |
| 72.3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar is-16 ta' Mejju 2019, flimkien mas- Segretarju Eżekuttiv, attenda għal stedina mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali fejn ġie iffirmat il-kuntratt tal-Passaport ta' *Heritage Malta* għall-adulti, ġewwa Ħaġar Qim. |
| 72.3.5 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar is-16 ta' Mejju 2019, flimkien mas-Sur Daniel Zerafa u s-Segretarju Eżekuttiv, attenda għal laqgħa mal-Ministeru tat-Turiżmu u l-GRTU rigward il-monti ta' fost il-ġimgħa f'Marsaxlokk. |
| 72.3.6 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar is-17 ta' Mejju 2019, flimkien mas-Sur Daniel Zerafa u s-Segretarju Eżekuttiv, attenda għal laqgħa mal-*Water Services Corporation* fuq xogħol li qed jiġi implimentat f'Delimara u fl-inħawi ta' San Niklaw. |
| 72.3.7 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar it-23 ta' Mejju u l-5 ta' Ġunju 2019, flimkien mal-Amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali, attenda għal kors ta' GDPR organizzat mid-*Data Protection Officer* assenjat mal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk. |
| 72.3.8 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li l-ittra lir-ristoranti kienet lesta hekk kif kien miftiehem fil-laqgħa preċedenti u staqsa għall-aprovazzjoni tal-Kunsill sabiex tiġi mibgħuta, inkluż lir-residenti. |
| 72.3.9 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar it-28 ta'Mejju 2019, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, attenda għal laqgħa mal-kuntrattur tal-*Water Point Machine* li kienet installata f'Marsaxlokk mal-binja tal-latrina pubblika f'Settembru 2018, sabiex isir kuntratt b'kunsens. |

| | |
|---|---|
| 72.3.10 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhat it-30 ta'Mejju 2019, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Perit tal-Kunsill Lokali, attenda għal laqgħa u *site visit* mal-kuntrattur tat-*tender* tal-bandli ta' Ġnien il-Familja, sabiex jiġi diskuss xogħol ta' infrastruttura fl-istess ġnien. |
| 72.3.11 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li nhar l-10 ta' Ġunju 2019 kien attenda stedina ma' studenti tal-MCAST f'Marsaxlokk għal esebizzjoni taħt it-Tinda tal-Pjazza li taghmel parti mill-*Malta International Arts Festival* li se tiġi diskussa f'minuta 72.8. |
| **72.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 72.4.1 | Ma kienx hemm. |
| **72.5** | **Rapporti** |
| 72.5.1 | - Permezz ta' Ċirkolari SPI/SCI/ 09/2019 datata 16 ta' Mejju 2019 mibgħuta mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*, il-Kunsill ġie infurmat bi Skema Finanzjarja – Żvilupp ta' Libreriji Lokali/Reġjonali f'Ċentri tal-Komunità. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha tinżamm laqgħa mal-Librara sabiex tittieħed deċiżjoni rigward x'inhu l-aktar vijabli fi ħdan il-Librerija Pubblika għall-komunità.<br><br>- Permezz ta' Ċirkolari SPI/10/2019 datata 20 ta' Mejju 2019 mibgħuta mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*, il-Kunsill ġie infurmat bil-*LC CARE Project* li hija Skema ta' Finanzjament għall-Gvern Lokali għall-Kura tal-Annimali fil-Komunità. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsilliera Janice Chetcuti li hi responsabbli minn dan id-dekasteru kellha tintervjeni u tagħti l-opinjoni tagħha wara li tanalizza ċ-Ċirkolari.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 11 ta' Ġunju 2019 mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, il-Kunsill Lokali ġie infurmat sabiex jassisti fil-ġbir ta' *Palm Fronds* li se jingħataw lis-sajjieda b'xejn fil-preparamenti tal-istaġun tal-lampuki. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali għandha tikkomunika mal-Koperattivi tas-Sajjieda dwar din il-materja.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 11 ta' Ġunju 2019 mibgħuta mingħand resident, il-Kunsill ġie infurmat b'rikjesta sabiex jgħin lill-NGO *Marsaxlokk Heritage*, billi jibgħat ittra lill-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali sabiex Torri Vendome jiġi taħt idejhom. Fl-istess korrispondenza intalbet informazzjoni dwar jekk sarx studju ambjentali fiż-żona tal-Bajja tal-Għar l-Aħmar, jekk hemx il-ħsieb li tintalab rilokazzjoni tal-klieb miġbura fil-Fortizza ta' Tas-Silġ, kif ukoll ġie mitlub sabiex il-Kunsill jiltaqa' ma' din l-NGO għal aktar diskussjonijiet. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill għandu jiltaqa' mal-NGO u jiddiskuti.<br><br>- Il-Kunsill Lokali iddiskuta l-applikazzjonijiet għal żvilupp bin-numri:<br>PA/04299/19, PA/04341/19, PA/04381/19, PA/04313/19, PA/00019/19, PA/02768/19, PA/03347/19, PA/04164/19, PA/04213/19, PA/04226/19, RG/01029/19, PA/01720/19, PA/02257/19, PA/03897/19, PA/04028/19, PA/03686/19.<br><br>Ġie deċiż illi ma kellha tinstab ebda oġġezzjoni għall-applikazzjonijiet imsemmija ħlief għal dawk innumerati PA/04313/19, PA/02768/19 u PA/04028/19 li għalihom il-Kunsill Lokali kellu joġġezzjona għal raġunijiet diversi. |

| | |
|---|---|
| 72.6 | Mozzjonijiet |
| 72.6.1 | Ma kienx hemm. |
| 72.7 | Sejħiet għall-Offerti |
| 72.7.1 | Ma kienx hemm. |
| 72.8 | Attività f'Marsaxlokk – *Malta International Arts Festival* |
| 72.8.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien attenda laqgħa mal-*Malta Arts Council* sabiex issir diskussjoni rigward attività f'Marsaxlokk bħala parti mill-*Malta International Arts Festival* 2019.<br><br>Is-Sindku kompla jispjega billi informa lill-Kunsill b'żeġġ attivitajiet li se jseħħu fil-lokalità ta' Marsaxlokk marbuta ma' dan il-Festival. Waħda li saret ilbieraħ l-10 ta' Ġunju, fejn ġew installati maskri ta' kreattività mill-istudenti tal-MCAST taħt it-tinda f'Xatt is-Sajjieda. Attività oħra se tinżamm fl-10 ta' Lulju 2019 filgħaxija fuq il-baħar fil-Port ta' Marsaxlokk, permezz tax-xini *Fernandes*. |
| 72.9 | Għeluq tal-Legislatura |
| 72.9.1 | Diskors mis-Sindku<br><br>Għeżież kollegi,<br>Wasalna fl-aħħar Seduta ta' din il-Leġislatura. Erba' snin għaddew bħal leħħa ta' berqa. Bi pjaċir ninnota u nistqarr li matul dawn l-erba' snin messejna u ħdimna dwar diversi affarijiet li fis-snin ta' qabel ftit li xejn sar dwarhom. Konna preżenti dejjem, f'diversi drabi konna pro-attivi u fejn stajna wettaqna dak mitlub minna. Ma nistgħux ngħidu li għamilna kollox, imma ninnutaw li ma wasalniex fejn xtaqna għax mhux dejjem sibna t-triq għall-wita. Sibna diversi ostakli, imma dejjem bqajna mexjin bla ma qtajna qalbna. Nawgura li dan l-ottimiżmu u din l-enerġija jkomplu jiġu mħaddma fil-Leġislatura li jmiss.<br><br>Nixtieq li qabel ma intemm l-aħħar Seduta tiegħi nagħmel xi ringrazzjamenti:<br><br>• Nirringrazzja lil dawk kollha – Kunsilliera, residenti, entitajiet, Ministeri, Dipartimenti, kumpanji, kuntratturi u diversi persuni oħra – li dejjem ikkoperaw miegħi u mal-Kunsill.<br>• Nirringrazzja lill-Amministrazzjoni tal-Kunsill li dejjem uriet rispett lejja u li għalkemm kollha għandna d-difetti umani tagħna, xorta waħda ħdimna flimkien u mxejna 'l quddiem. Grazzi wkoll lill-ħaddiema assenjati li wettqu diversi xogħolijiet bżonnjużi fir-raħal.<br>• Nirringrazzja lil dawk kollha ta' rieda tajba li dejjem ħadmu u għollew isem dan ir-raħal.<br>• Nirringrazzja wkoll lill-familja tiegħi li ħafna drabi batew huma minflok batejt jien.<br>• Naħfer lil dawk kollha li naqsu milli juru koperazzjoni miegħi jew mal-Kunsill, jew forsi ankè ħadmu kontra dan il-Kunsill. Infakkar li l-verità biss tista' tagħtik il-ħelsien.<br>• Fl-aħħar nitlob apoloġija pubblika li dawk li forsi stajt inqasthom fil-ħidma tiegħi. Żgur li dan ma għamiltux b'intenzjoni jew b'xi negliġenza. Anzi, inġorr ir-responsabbiltà tan-nuqqasijiet kollha tiegħi. |

| | |
|---|---|
| | Id-diskors tiegħi meta ħadt il-ġurament ta' Sindku fl-1 ta' Mejju 2015, kien ibbażat fuq tliet prinċipji:<br>• Li nkunu trasparenti f'kull ħidma tagħna.<br>• Li nkunu miftuħa għal kull konsultazzjoni, ilment u suġġeriment.<br>• Li nkunu dixxiplinati u ta' eżempju.<br><br>Nawgura li dawn it-tliet prinċipji li iggwidawni matul dawn l-erba' snin jibqgħu jiggwidaw lil-Leġislatura li jmiss, mhux biss għad-dehen ta' dawk li se jkunu qed jamministrawha, imma wisq aktar għall-isem ta' Marsaxlokk li lkoll kemm aħna ngħożżu.<br><br>Il-ħidma tiegħi fil-Kunsill ta' Marsaxlokk se tintemm nhar it-30 ta' Ġunju li ġej. Biss però nassigurakom li se nkunu attent u kritiku għall-ħidma tal-Kunsill, li l-ħidma tiegħi favur Marsaxlokk se tkompli fix-xhur ta' wara u, li fejn u kif nista' se nkun qed inkompli nagħti l-kontribut tiegħi favur dan ir-raħal tagħna.<br><br>Grazzi mill-qalb! |
| **72.10** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 72.10.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 6/19) għall-approvazzjoni. |
| 72.10.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Steven Grech, issekondata mis-Sur Stephen Caruana, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 72.10.3 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali il-lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Mejju 2019 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| **72.11** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 72.11.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali intemmet fis-6:45p.m. wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għall-approvazzjoni tal-minuti ta'l-ahhar legizlatura tal-Kunsill Lokali numru 7 nhar il-Hamis 13 ta' Gunju 2019 fis-13.30p.m. |

Konfermati, illum 11 ta' Ġunju 2019.

IFFIRMATA

____________________
Horace Gauci
Sindku

IFFIRMATA

____________________
Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv